# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Nru: 127/2007 MLF**

**Fithome Limited**

**vs**

**Stivala Operators Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erba' t'elef, hames mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm4573.46), rapprezentanti:

a) in kwantu ghal tlett elef erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm3448.21) bilanc minn somma akbar prezz ta' xogholijiet u materjal maghmul u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess;
b) in kwantu ghal erba' mija u disghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm490.88) rapprezentanti xogholijiet extra li gew maghmula u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess;
c) in kwantu ghal sitt mija u erba' u tletin Liri Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm634.37) prezz ta' xogholijiet rimedjali u materjal ta' bibien li kellhom isiru sabiex tissolva

problema ta' hsarat kkawzati mill-umdita', ghall-liema is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta illi thallas anke jekk interpellata sabiex taghmel dan.

Bl-ispejjez kollha tar-rikors promotur u bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi l-bibien installati kienu difettuzi u kellhom disinn hazin u hemm pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kawza fl-ismijiet inversi (Rikors Nru. 503/2007CFS).

2. Illi ghalhekk hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza fuq imsemmija billi diga hemm perit tekniku nominat f'dik il-kawza.

3. Illi f'kull kaz s-isocjeta' konvenuta tichad li kien hemm hsarat ikkawzati mill-umdita' u terga tikkonferma li l-hsarat kienu b'rizultat ta' difetti fix-xoghol u disinn tal-bibien li ma kienux skond il-kwalita' miftehma.

4. Illi s-socjeta' attrici f'din il-kawza hija debitrici tas-socjeta' konvenuta f'ammont ikbar minn dak imsemmi fir-rikors 127/2007 u dan b'rizultat tal-fatt li l-bibien ma kienux skond il-kwalita pattwita u kellhom disinn hazin u difetti u b'rizultat ta' dan s-socjeta' konvenuta sofriet danni kbar.

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru 2015, gew allegati ma' l-atti odjerni, l-atti tal-proceduri tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 (Rikors Nru: 503/2007).[1]

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

---

[1] Ara l-verbal a *fol.* 43 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt fid-29 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu s-socjeta\` attrici kellha timmanifattura u tissuplixxi lis-socjeta' konvenuta ghadd ta' bibien bil-modalitajiet u kundizzjonijiet specifikati fl-istess kuntratt, liema bibien kellhom jigu nstallati fil-fond Hotel Petit Paradis 143, The Strand, Sliema.[2]

2. Skond il-fattura mahruga mis-socjeta konvenuta stess, il-*"Cumulative Bill"* sal-15 ta' Frar 2006 kien ta' disgha u sittin elf seba' mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm69,728.21). Minn dan l-ammont is-socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' sitta u sittin elf mitejn u tmenin Liri Maltin (Lm66,280). Illi ghalhekk fuq din il-kont kien jifdal bilanc fis-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm3,448.21).[3] Dan il-bilanc jifforma parti mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici permezz ta' din il-kawza.

3. In oltre, s-socjeta' attrici qeghda tippretendi wkoll il-hlas ghal xogholijiet addizzjonali fis-somma ta' erba' mija u disghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm490.88),[4] u s-somma ta' sitt mija u erba' u tletin Liri Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm634.37) ghal xogholijiet rimedjali u materjal li allegatament saru mis-socjeta' attrici sabiex tissolva problema ta' hsarat kkawzati mill-umdita'.[5]

4. Jirrizulta illi maz-zmien, dawn il-bibien zviluppaw difetti konsiderevoli u ghalhekk is-socjeta' konvenuta rrifjutat li thallas lis-socjeta' attrici l-bilanc li kien ghadu dovut, u cioe l-ammont fis-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u

---

[2] Ara l-kuntratt a fol. 3 tal-atti tal-kawza Rikors. Nru. 503/2007.
[3] Ara l-fattura Dok. B datata 15 ta' Frar 2006 a *fol.* 3 tal-process.
[4] Ara l-afattura Dok. C datata 20 ta' Frar 2006 a *fol.*4 tal-process.
[5] Ara l-fattura Dok. D datata 30 ta' April 2007 a *fol.*5 tal-process.

wiehed u ghoxrin centezmu (Lm3,448.21), kif ukoll irrifjutat li thallas iz-zewg fatturi l-ohra li s-socjeta’ attrici qed tippretendi l-hlas taghhom permezz ta’ din il-kawza.

5. Jumejn qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, is-socjeta’ konvenuta kienet intavolat kawza kontra s-socjeta’ attrici quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni Numru 503/2007 CFS) u dan sabiex dik il-Qorti tiddikjara li l-konsenja tal-bibien mis-socjeta’ attrici ma kienitx skond il-kwalita` pattwita u/jew b’disinn mhux skond is-sengha u sabiex dik il-Qorti tordna lis-socjeta` attrici tiehu lura dawn il-bibien, tistabbilixxi l-ammont ta’ danni sofferti mis-socjeta` konvenuta u tikkundanna lis-socjeta` attrici biex thallas dak l-ammont stabbilit bhala danni.

6. F’dawk il-proceduri, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili hatret lil Perit AIC Amadeo Mifsud bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet tas-socjeta konvenuta (attrici f’dawk il-proceduri), liema perit ikkonstata li l-bibien installati mis-socjeta’ attrici kienu saru skond il-kampjun maghzul mis-socjeta’ konvenuta u kkonkluda li d-difett fil-bibien kien dovut ghal nuqqas da parti tas-socjeta’ attrici li twahhal *lipping* fuq in-naha ta’ isfel tal-bibien. Il-perit tekniku ikkonkluda wkoll li b’konsegwenza ta’ dan in-nuqqas kien hemm ingress ta’ ilma f’dawn il-bibien li rrizulta fil-biben jidhru zdingati biex b’hekk giet imqassra l-hajja utili tal-bibien. Il-perit tekniku attribwixxa dan id-difett bhala jolqot hamsa fil-mija (5%) ta’ kull bieb stante li d-difett immanfesta ruhu fil-parti t’isfel ta’ kull bieb.[6]

7. Permezz ta’ sentenza fl-ismijiet **Stivala Operators Limited vs Fithome Limited** moghtija fil-25 ta’ Jannar 2011, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili iddecidiet *inter alia* li dawn il-bibien ma kienux saru skond l-arti u s-sengha u kkundannat lis-socjeta’ attrici thallas lis-socjeta’ konvenuta is-somma ta’ hamsa u sebghin elf Euro (€75,000) bhala danni. Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Ottubru 2014.[7]

[6] Ara r-relazzjoni tal-perit tekniku a *fol.* 47 u tal-atti tal-kawza Rikors. Nru. 503/2007 u r-risposti tieghu in eskussjoni a *fol.* 68 tal-istess atti.
[7] Ara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 fl-ismijiet Stivala Operators Limited vs Fithome Limited (Rikors numru: 503/2007) a *fol.* 45 tal-process.

8. Is-socjeta' attrici hallset lis-socjeta' konvenuta l-ammont ta' danni hekk likwidat.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-partijiet ma pprocudew l-ebda provi f'din il-kawza, salv id-dokumenti annessi mar-rikors promotur. Ghalhekk din il-Qorti ser tqis it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fid-dawl tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kawza **Stivala Operators Limited vs Fithome Limited (**Rikors. Nru. 503/2007), liema atti gew allegati ma' dawk odjerni bi qbil bejn il-partijiet. F'dawk il-proceduri, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet hatret bhala perit tekniku lil AIC Amadeo Mifsud, u ghab-bazi tal-konkluzjonijiet tieghu dik il-Qorti kienet waslet ghad-decizjoni taghha li l-bibien ma kienux saru skond l-arti u s-sengha u llikwidat id-danni favur is-socjeta' konvenuta fis-somma ta' €75,000, liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2014.

Fir-relazzjoni tieghu prezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-perit tekniku kien ikkonkluda b'dan il-mod:

> *"a) Il-bibien in kwistjoni huma tal-kwalità pattwita kif espressa fil-kuntratt ta' appalt;*
>
> *b) Id-disinn tax-xogħol huwa risponsabiltà tas-soċjetà rikorrenti, li naqset li tipprovdih;*
>
> *c) In-nuqqas ta' lipping fil-kument t'isfel tal-bibien jikkonstitwixxi xogħol li mhux skond is-sengħa min-naħa tas-soċjetà intimata u jagħti kontribut sostanzjali għal dik il-parti tal-problema li teffettwa l-kuġbieni tal-bibien;*
>
> *d) Fl-opinjoni tal-esponent, l-ipoteżi l-iktar attendibli li tista' tiġi ifformulata dwar il-kawża tal-problema fil-biċċa l-kbira tal-bibien hi li din hija primarjament intrużjoni ta' ilma fil-laħam tal-bibien u dan jindika (iżda ma jippruvax) preżenza*

[8] Ara f'dan is-sens il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 2015 a fol. 42 tal-process u d-dikjarazzjoni maghmula f'dan is-sens mill-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta a *fol.* 69 tal-process.

*ta' ilma fi kwantità li mhux soltu tiġi riskontrata f'ambjenti bħal dak fejn jinsabu installati l-bibien in kwistjoni;*

*e) Fil-każ tal-bibien ta' ħdejn it-tieqa fit-tarf tal-kuruturi, fejn il-problema hija iktar mifruxa, ir-raġġi ultra-vjoletti tad-dawl tax-xemx setgħu aggravaw il-problema f'dawn il-bibien;*

*f) Il-problema hija waħda estetika għalkemm jista' jkollha effett avvers fuq il-ħajja utli tal-bibien."*

<u>*It-Tieni Eccezzjoni – Soprasessjoni ta' din il-Qorti*</u>

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta eccepiet li din il-Qorti kellha tissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza fl-ismijiet inversi li kienet pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Ghalkemm fl-atti ta' dawn il-proceduri ma kienx inghata digriet f'dan is-sens, mill-assjem tal-atti jidher li effettivament hekk gara tant li l-partijiet ma ressqu l-ebda provi fil-proceduri odjerni, hlief ghad-dokumenti annessi mar-rikors promotur, u pprocedew ghas-sottomissjonijiet orali taghhom wara li dawk il-proceduri gew decizi finalment mill-Qorti tal-Appell u l-atti ta' dik il-kawza gew allegati ma' dawk tal-kawza odjerna.

In vista ta' dan, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tieni eccezzjoni.

<u>*Il-Meritu*</u>

L-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ser jigu trattati u decizi flimkien stante li dawn jolqtu l-kwalita' tax-xoghol imwettaq mis-socjeta' attrici meta immanifatturat u kkonsenjat il-bibien *de quo* lis-socjeta' konvenuta u l-kawza tal-hsarat fl-istess bibien. Bl-ewwel u r-raba' eccezzjoni taghha is-socjeta' konvenuta qeghda essenzjalment tecepixxi li l-bibien installati kienu difettuzi, kellhom disinn hazin u ma kienux skond il-kwalita' pattwita u b'rizultat ta' dan hi sofriet danni. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, is-

socjeta' konvenuta tecepixxi li l-hsarat ma gewx ikkawzati mill-umdita' kif tallega s-socjeta' attrici.

Il-perit tekniku AIC Amadeo Mifsud fir-relazzjoni tieghu prezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kien ikkonkluda li l-bibien ma kellhom ebda difett fid-disinn u dawn kienu tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet fil-kuntratt iffirmat bejniethom stante li kienu konformi mal-kampjun li ghab-bazi tieghu saret l-ordni ta' dawn il-bibien mis-socjeta' konvenuta. Madankollu l-istess perit ikkonkluda ulterjorment li l-fatt li s-socjeta' attrici naqset milli taghmel *lipping* fil-kument t'isfel tal-bibien jirrendi x-xoghol maghmul minnha mhux skond is-sengha u li sostanzjalment kien dan in-nuqqas li ghamilha possibbli ghal bibien biex jizviluppaw il-hsarat.

Kien ghab-bazi ta' dawn il-konkluzjonijiet li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u sussegwentement il-Qorti tal-Appell ikkonkludew li x-xogholijiet imwettqa mis-socjeta' attrici ma kienux skond is-sengha u l-arti u s-socjeta' attrici giet ikkundannata thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' hamsa u sebghin elf Euro (€75,000) in linea ta' danni sofferti mis-socjeta' konvenuta minhabba dan in-nuqqas. Din il-kwistjoni illum hija *res judicata*.

L-ammont pretiz mis-socjeta' attrici permezz ta' din il-kawza jinkludi somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm3,448.21)[9] rapprezentanti l-bilanc tal-prezz relattiv ghax-xogholijiet dwar il-manifattura u l-konsenja tal-bibien in kwistjoni. Il-fatt li kien ghad hemm bilanc dovut gie ammess mis-socjeta' konvenuta tramite r-rapprezentant taghha Michael Stivala meta fix-xhieda tieghu moghtija quddiem il-perit tekniku fil-proceduri fl-ismijiet inversi spjega illi: "*Ahna hallasna kwazi kollox skond il-kuntratt hlief ghall-ahhar kont ta xi tlett elef lira maltin (LM3000) li zammejt wara li kkonkludejt li ma nistax insib soluzzjoni ghal problemi li bdew jinqalghu*".[10]

Jifdal ghalhekk illi jigi deciz jekk is-socjeta' konvenuta ghandhiex thallas dan il-bilanc fid-dawl tal-fatt li irrizulta li x-xoghol imwettaq mis-socjeta' attrici ma kienx skond is-sengha u l-arti. Ghandu jigi osservat li l-ammont likwidat finalment mill-Qorti tal-Appell favur is-socjeta' konvenuta ma kienux jekwivali ghal prezz shih imhallas hekk kif kien qieghed jigi pretiz mis-

---

[9] Ara l-fattura Dok. B datata 15 ta' Frar 2006 a *fol.* 3 tal-process.
[10] Ara x-xhieda ta' Michael Stivala a *fol.* 29 tal-process tal-kawza annessa.

socjeta' konvenuta f'dawk il-proceduri. F'dan ir-rigward, fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru 2014 il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

"*Min-naha l-ohra, ma tistax titqies li dan kien difett sostanzjali fl-appalt kif tippretendi s-socjeta` attrici. Il-perit tekniku qal li l-bibien huma addattati ghall-uzu f'lukanda, u d-difett ghandu "kontribut limitat" ghax jaffettwa biss il-kugbieni ta' isfel. Fil-fatt, il-kontribut tan-nuqqas ta' lipping stmah ghal, bejn wiehed u iehor, 5%. Ix-xoghol, ghalhekk ma jistax jitqies li ma giex esegwit, u kwindi l-appaltatur irid jithallas ta' xoghlu, pero`, irid isir tnaqqis fil-prezz minhabba d-difetti riskontrati (ara* ***Cachia v. Psaila****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2014). F'dan il-kaz, il-perit tekniku ma harigx stima tad-difetti, u l-ewwel Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, illikwidat hi d-danni fl-ammont ta' €75,000.*

*Din il-Qorti tara li l-figura adoperata mill-ewwel Qorti hija wahda gusta, u la tara li ghandha tizdied, kif titlob is-socjeta attrici u lanqas li ghandha tonqos, kif trid is-socjeta konvenuta."*

Fid-dawl ta' dak deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici ghandha tithallas dan il-bilanc, u dan peress illi bil-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' €75,000, is-socjeta' attrici kienet diga' qeghda tigi kkundannata ghal riduzzjoni fil-prezz minhabba dawn in-nuqqasijiet taghha. Fin-nuqqas dan ikun ifisser li s-socjeta' attrici tkun qeghda ssofri riduzzjoni ulterjuri fis-somma rapprezentanti dan il-bilanc. Is-somma ta' €75,000 giet likwidata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili billi uzat id-diskrezzjoni taghha *arbitrio boni viri,* u dik il-Qorti kellha quddiemha x-xhieda ta' Michael Stivala li qal li kien ghad fadal bilanc dovut lis-socjeta attrici ta' circa Lm3,000. Il-Qorti tal-Appell kellha quddiemha mhux biss ix-xhieda ta' Michael Stivala imma anke r-rikors tal-appell tas-socjeta attrici fejn espressament qalet li s-socjeta konvenuta kienet ghadha ma hallsitx il-bilanc tal-prezz tal-bibien, u rriferiet ghal proceduri odjerni.[11] Dan nonostante, il-Qorti tal-Appell sabet li l-uzu ta' dik id-diskrezzjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sar b'mod korrett u ghalhekk ma laqghetx it-talba tas-socjeta' konvenuta sabiex din is-somma tigi riveduta b'tali mod li tkun tinkludi l-ammont shih tal-prezz.

In vista ta' dan, it-talba tas-socjeta' attrici rapprezentanti l-hlas ta' dan il-bilanc ser tigi milqugha.

[11] Ara fol. 10 tal-process tal-appell tal-kawza fl-ismijiet inversi.

Is-socjeta' attrici qeghda titlob ukoll is-somma ta' sitt mija u erba' u tletin Liri Maltin u seba' u tletin centezmu (Lm634.37) ghal xogholijiet rimedjali u materjal li s-socjeta' attrici tallega li ghamlet sabiex tigi rizolta l-problema ta' hsarat kkawzati mill-umdita'. Kif diga' gie osservat aktar qabel f'din is-sentenza, il-hsarat fil-bibien ma gewx ikkawzati minn problema ta' umdita' fil-fond fejn gew installati l-istess bibien izda minn nuqqas tas-socjeta' attrici li taghmel *lipping* fil-kument t'isfel tal-bibien. Din il-kwistjoni kienet giet sollevata mis-socjeta' attrici fil-proceduri ntavolati mis-socjeta' konvenuta fil-konfront taghha u kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u anke l-Qorti tal-Appell kienu iddecidew ghab-bazi ta' dak li rrelata l-perit tekniku AIC Amadeo Mifsud li din l-allegazzjoni ma kienetx giet ippruvata. L-espert tekniku kien ikkonkluda hekk: "*Ma giet ippruvata ebda traskuragni tas-socjeta` rikorrenti u anqas ma ngabet xi prova li hemm xi umdita` jew kwantita` ta' ilma fil-lukanda de quo.*"

Isegwi minn dan illi anke jekk is-socjeta' attrici wettqet dawn ix-xogholijiet rimedjali, u qieghed jintuza l-ipotetiku ghaliex mill-provi prodotti ma jirrizultax f'hiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet ghajr ghad-deskrizzjoni fil-fattura li dawn kienu "*Additional cost of Labour and Material used to carry out snag works to solve humidity problem on doors at Hotel Petit Paradis*",[12] is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex thallas ghal dawn ix-xogholijiet stante li jekk saru, dawn saru sabiex is-socjeta' attrici tipprova ssolvi problema li holqot hija stess bin-nuqqas taghha fil-kwalita' tax-xoghol imwettaq u mhux ghax kien hemm umdita' fil-lok fejn gew installati il-bibien. Ghaldaqstant it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ser tigi milqugha u t-talba tas-socjeta' attrici ghal dan l-ammont rapprezentanti x-xogholijiet rimedjali ser tigi michuda.

Is-socjeta' attrici qeghda tippretendi wkoll li s-socjeta' konvenuta thallasha l-ammont ta' erba' mija u disghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm490.88) rapprezentanti "*Erecting of existing architraves and installation of new ones*". [13] F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li anke din il-pretiza tas-socjeta' attrici ma gietx ippruvata. La f'dawn il-proceduri u lanqas fil-proceduri fl-ismijiet inversi ma jirrizulta li s-socjeta' attrici ressqet xi rapprezentant taghha sabiex jispjega f'hiex kienu jikkonsistu dawn ix-xogholijiet addizzjonali, kif u meta gew ordnati jew sabiex jaghti spegazzjoni ghaliex din il-fattura ma tifformax parti mill-fattura originali. Effettivament, dawn l-allegati xogholijiet addizzjonali ma jissemmew imkien hlief

[12] Ara l-fattura Dok. D datata 30 ta' April 2007 a *fol.* 5 tal-process. Fix-xhieda tieghu fil-kawza fl-ismijiet inversi, Michael Stivala jghid li s-socjeta attrici iddecidiet li taghmel xi xoghol rimedjali a spejjes taghha – ara fol. 29-30 tal-process.
[13] Ara l-fattura Dok. C datata 20 ta' Frar 2006 a *fol.* 4 tal-process.

fil-fattura annessa mar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri. Huwa principju fondamentali fil-kamp civili illi jinkombi fuq l-attur l-oneru sabiex jipprova l-kaz tieghu, ghaliex fin-nuqqas il-gudikant ikun kostrett jillibera lill-konvenut ghab-bazi tal-massima legali illi *actore non probante reus absolvitur*. Il-Qorti hija tal-fehma illi is-socjeta' attrici naqset milli tipprova b'mod sodisfacenti l-pretiza taghha fir-rigward ta' din il-fattura, u ghaldaqstant it-talba taghha ghal dan l-ammont ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, stante li l-mertu taghhom illum huwa *res judicata* bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi deciza fil-31 ta' Ottubru 2014;

4. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmint elef u tnejn u tletin Euro u sbatax-il centezmu (€8,032.17) ekwivalenti ghal tlett elef erba' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm3,448.21), bl-imghaxijiet kummercjali mill-15 ta' Frar 2006, id-data tal-fattura, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti in kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta' attrici u in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta' konvenuta.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**